Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 56/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**
**Vs**
**Nazzareno Carabott**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli naqas milli jhallas il-manteniment lil Gertrude Carabott u lil uliedha l-manteniment kif ordnat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 22 ta' Mejju 2003 Digriet numru 611/2003 u kif ukoll permezz ta' Digriet numru 1672/2003 u dan ghall-gimgha li tibda minn : 31 t'Awissu 2003 sal-6 ta' Settembru, 2003.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Marzu, 2004, li biha, wara li rat l-Artikolu 338z u l-Artikolu 17(c) u 7(2)(a) tal-


Qrati tal-Gustizzja

Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Marzu, 2004 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w wara li tiddikjarah mhux hati tal-akkuza dedotta kontrih, tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- li preliminarjament l-allegat reat jikkostitwixxi reat istantanju skond il-ligi w li dar-reat jigi kommess biss meta persuna ma thallasx il-manteniment ordnat fi zmien hmistax il-jum minn meta dal-manteniment ikun dovut ghax il-ligi taghti hmistax il-jum cans biex dan isir u ghalhekk l-appellant seta' jinstab hati biss wara li jghaddu 15 il-jum mid-29 ta' Novembru, 2003 u li l-appellant hallas LM120 f'dal-periodu ; illi bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-parti tad-Digriet li skondu l-appellant kellu jhallas il-manteniment kien skada w ma kienx ghadu in vigore stante li kienu ghaddew xaharejn minn meta nghata d-Digriet ; li ghalkemm il-manteniment originali ta' LM100 fil-gimgha gie ridott ghall-wiehed ta' LM80 fil-gimgha permezz ta' Digriet sussegwenti numru 1672/03, l-appellant xorta ma jistax ihallsu ; illi barra LM160 kull hmistax mis-Shipbuilding hu jaqla' biss LM3.07c fil-gimgha mill-biegh tal-hut f' Marsaxlokk ; li hu ghandu l-ispejjez ta' dawl w ilma w loan repayments u manteniment ta' ibnu Gregory li jghix mieghu ; li minhabba l-piena, ibnu ser ibaghti u hu ser jitlef ix-xoghol; li hu ma naqasx li jhallas b' mod kapriccuz u b'pika esagerata kif qalet l-Ewwel Qorti ; li f' kull kaz skond il-proviso tal-artikolu 17( c ) tal-Kap.9 f'konkors ta-reati jekk persuna hatja ta' zewg kontravvenzjonijiet jew aktar tigi kundannata ghal detenzjoni , z-zmien kollu mehud flimkien tal-piena li tinghata m'ghandu qatt jiskorri tlitt xhur.

Fliet l-atti kollha processwali li huma identici ghal dawk tal-kawzi l-ohra li qed jigu decizi fis-seduta tal-lum;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;

Semghet ix-xhieda ta’ Gertrude Carabott fil-kors tas-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2004;

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tal-istess seduta;

Rat il-verbal tat-30 ta’ Marzu, 2004 li bih il-kawza kienet giet differita ghat-22 t’ April, 2004 biex sadattant il-partijiet jilhqu jesebixxu b’ Nota kopja tal-abbozz tal-kuntratt ta’ separazzjoni li d-difiza w l-parte civile ddikjaraw li hemm possibilita’ li jigi miftiehem  u l-ittra lill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni volontarja) fejn jitolbu li dan il-kuntratt jigi approvat u dana ghal kull fini ta’ piena eventwali w li fin-nuqqas ta’ din in-Nota , li kellha tkun iffirmata mill-avukati tal-appellant u tal-parte civile, l-Qorti ikollha tghaddi ghas-sentenza;

Rat l-ordni taghha sabiex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-21 t’ April, 2004 ghas-sentenza ;

Rat in-nota tal-appellant minnu prezentata fil-21 t’ April, 2004 li biha spjega r-ragunijiet ghaliex – skondu – ma kienx f’ pozizzjoni li jesebixxi l-abbozz tal-minuta ta’ separazzjoni konsenswali sa dak in-nhar.

Rat il-verbal registrat fil-kors tas-seduta tal-21 t’ April, 2004 li bih il-parte civile w d-difiza qablu li l-appellant kien hallas lil martu per mezz ta’ bank draft “seduta stante” s-somma ta’ elf lira Maltin (LM1000), akkont tal-arretrati tal-alimenti minnu dovuta sa dak in-nhar ;

Rat li in vista ta’ dan l-izvilupp din il-Qorti akkordat l-ahhar differiment ulterjuri ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum bit-tama li fil-frattemp l-appellant jilhaq ihallas l-arretrati kollha tal-manteniment fi flus jew inkella tigi esebita l-minuta ta’ separazzjoni konsenswali fuq imsemmija;

Rat in-Nota  tal-appellant tas-27 t’ April, 2004,li biha giet esebita kopja tal-ittra ndirizzata lid-difensur tal-“parte civile” mid-difensur tal-appellant datata 22 t’ April, 2004 u

tal-bank draft tal-Bank of Valletta ghas-somma ta' LM790 li skondu tissalda l-bilanc tal-arretrati ta' manteniment dovuti sal-ahhar t' April, 2004.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi mismugha w mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-appellant kien gie ordnat li jhallas lill-martu Gertrude Carabott is-somma ta' LM50 ghaliha u LM25 kull wiehed ghaz-zewg ulied minuri pagabbli kull gimgha, kull nhar ta' tnejn bil-quddiem (LM100 b' kollox). Dana skond Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Mejju, 2003 numru 611/2003. (Fol. 19). Fuq rikors tal-appellant dad-digriet jidher li gie varjat b'Digriet iehor tat-31 t' Ottubru, 2003, li bih il-manteniment komplessiv gie ridott ghall-LM80 fil-gimgha.(fol.2l tal-process). Jirrizulta ukoll pero' li l-appellant unilateralment iddecieda li minnflok jibda jhallas inqas mill-ammonti lilu hekk ordnati w fil-waqt li ghax-xahar ta' Lulju, 2003 hallas somma ta' LM200 quddiem l-Ewwel Qorti , ghax-xhur ta' Awwissu, Settembru , Ottubru w Novembru , 2003 ghamel biss pagamenti ta' Lm120 fix-xahar permezz ta' cheques . Fuq rakkomandazzjoni tal-Ewwel Qorti kien ukoll hallas LM500 fil-21 t' Ottubru, 2003 wara li martu kkonsenjatlu t-truck , freezers u oggetti ohra konnessi man-negozju tal-biegh tal-hut . B'kollox ghalhekk bejn it-22 ta' Mejju , meta nghata d-Digriet u d-29 ta' Novembru, 2003, meta saru l-kwereli relattivi ghal din il-kawza u l-kawzi l-ohra li qed jigu decizi llum, wahda ghal kull gimgha , l-appellant hallas LM1180 , meta suppost hallas LM2300 sal-31 t' Ottubru, 2003 id-data meta gie varjat id-Digriet piu' LM400, minn dak in-nhar sa meta saru l-kwereli fid-29 ta' Novembru, 2003 , b'kollox LM2700. Umbaghad fil-mori tal-appell thallset is-somma ta' LM1790 ohra, f' zewg partiti ta' LM1000 u LM790.

Ikkonsidrat;

Illi il-gurisprudenza in materja illum hija wahda ormai stabilita w maghrufa . Hekk gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (**Appell Krim. Pul. vs. Anthony Saliba; [15.7.1998])** li jekk persuna ma

tkunx tista’ thallas il-manteniment ordnat anki f’ kaz li persuna tisfa’ bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tal-Qorti Civili , obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu w li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment . Hu biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista’ jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa’ marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond’ Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim’Awla jew tal-Qorti tal-Appell , li jordna l-hlas ta’ manteniment , din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija , fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza , tkun xi tkun ir-raguni , jew pretest biex jaghmel dan . Altrimenti,din il-Qorti , minn flok Qorti ta’ Appell Kriminali , tispicca tirriduci ruha f’wahda ta’ revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta’ Digrieti jew sentenzi tal-Prim’ Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond’ Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha (ara ukoll **App. Krim. “Pulizija vs. Alfred Camilleri “ [18.9.2002] )**

Illi din il-Qorti taqbel mall-appellant li l-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338 (z) li tahtha nstab hati hija wahda istantanja u tikkonkretizza ruha appena jghaddu il-hmistax il-jum minn meta il-manteniment mhux imhallas ikun sar dovut . Izda l-appellant qed ihawwad din id-data mad-data tal-kwerela li m’ghandha x’taqsam xejn mad-data meta ikun gie kommess ir-reat . Di fatti, indipendentement mid-data tal-kwerela – li jista’ al massimu ikollha effett fuq xi preskrizzjoni applikabbli u xejn aktar – ir-reat jigi kommess appena jiskadi l-periodu ta’ hmistax il-jum minn meta skadenza partikolari ssir pagabbli u ma tithallasx *in toto* jew *in parte*. F’dal –kaz kull kwerela tirriferi ghal skadenza differenti ghalkemm saret fl-istess data. ,

Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Mario Borg"** (App. Krim. Nru. 166/03) deciz minn din il-Qorti preseduta mis-Sinjorija Tieghu, l-Prim' Imhallef Dr. V. De Gaetano fit-23 ta' Dicembru, 2003 u ghall-principji ta' dritt fiha enuncjati

Illi ghar-rigward tal-aggravju li d-Digriert tat-22 ta' Mejju, 2003 kien skada w ma kienx ghadu in vigore ghaliex mart l-appellant ma pprocedietx bil-kawza , din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza Taghha fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs.Mario Attard"** [1.3.2004] fejn giet iccitata l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti diversament preseduta u partikolarment is-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar** " [2.9.1999] fejn jintqal testwalment hekk :-

***Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (****Pol. vs. Lawrence Cutajar* ***- 10.3.1995*** *u Pul. vs.Carmelo Farrrugia* ***23.1.98 ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z****)* *irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem il-Prim' Awla gietx intavolata, kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta'Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . "*
*"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*
*1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet*
bhal ma sar f'dan il-kaz , jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza , kopja legali tas-sentenza relattiva.)
*2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma ."Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni* . "

Il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Mario Mallia**" (8.5.1998) fejn ukoll gie ritenut :-

*"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens **"Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia** (App. Krim. 10/3/95 , u **l-Pulizija v. Carmelo Farrugia,** App. Krim. 23.1.1998. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint."*

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza kostanti li maghha taqbel din il-Qorti kif preseduta , jidher li dan l-aggravju tal-appellant jidher li hu nfondat u qed jigi respint.

*Illi l-aggravju li appellant ma jistax ihallas il-manteniment iffissat bid-Digriet originali u lanqas dak kif sussegwentement ridott bid-digriet tal-31 t' Ottubru, 2003, hu manifestament infondat ghal dak li gie ritenut mill-gurisprudenza gja fuq citata w ghalhekk qed jigi respint.*

Salv dak li ser jintqal dwar il-piena f' dan il-kaz partikolari , l-aggravju li ibnu li jghix mieghu ser ibaghti jekk imur il-habs, huwa wkoll bla bazi guridika. Jekk l-appellant ma jridx li t-tifel li qed jghix mieghu ibaghti bil-fatt li hu jigi sentenzjat ghad-detenzjoni , kull ma ried jaghmel kien li jottempera ruhu mad-Digrieti tas-Sekond' Awla fuq imsemmija w zgur li ma jistax jadduci dan il-fatt bhala aggravju serju . Jekk bhala ksur tal-ligi w s-sentenza tieghu jitlef ix-xoghol, dan ukoll mhux aggravju li jista' jittiehed bis-serjeta' u kwazi jirrazenta il-fieragh , ghax kieku ebda persuna li tinstab hatja ta' reat ma tista' tinghata piena restrittiva tal-liberta' ghax titlef xi xoghol

waqt li tkun il-habs . Anki dan l-aggravju jirrazenta l-fieragh.

Illi din il-Qorti m'ghandhiex ghaliex tvarja id-diskrezzjoni w l-gudizzju tal-Ewwel Qorti dwar il-motivazzjoni li wasslitha biex tevalwa c-cirkostanzi w l-apprezzament tal-provi li ghamlet dwar il-motivazzjoni tal-appellant biex ma jottemperax ruhu mad-Digrieti tas-Sekond' Awla relattivi .

Illi dwar l-ahhar aggravju dwar il-piena , il-proviso tal-artikolu 17 ( c ) japplika biss meta f' kawza u sentenza **WAHDA** persuna tkun instabet hatja ta' zewg kontravvenzjonijiet jew izjed . F' dan il-kaz f' din il-kawza u fil-kawzi l-ohra kollha li qed jigu decizi llum, l-appellant instab hati biss ta' kontravvenzjoni wahda fir-rigward ta' skadenza wahda ta' manteniment u giet erogata mill-Ewwel Qorti piena ghal dik il-kontravvenzjoni wahda li taghha nstab hati. Ghalhekk il-proviso tal-artikolu 17 ( c) mhux applikabbli ghal dan il-kaz.

B'dana kollu, ghalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija pjenament entro l-parametri tal-ligi u l-piena massima setghet addirittura kienet dik ta' detenzjoni ghal zmien xaharejn skond l-artikolu 7 (2) (a) u 12 (2) tal-Kap. 9. , din il-Qorti thoss li in vista tal-izviluppi li sehhew fil-mori tal-appell , ghandu jkun hemm rikonsiderazzjoni dwar il-piena .

Di fatti rrizulta li l-appellant , apparti dak li kien hallas lil martu sas-sentenza appellata , hallas ukoll is-somma ta' LM1790 fil-mori tal-appell u ghalhekk ma hemmx dubju li kull arretrat ta' manteniment mertu ta' din il-kawza jinsab issa mhallas. Kien hemm ukoll it-talba tal-istess mart l-appellant biex hu ma jintbaghatax il-habs ghan-nuqqas tieghu.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appelli Kriminali **"Il-Pulizija vs. Publius Said**" [9.7.2003 u 25.9..2003] :- "… *l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux biss li jippunixxi ghall-ksur*

*tal-ordnijiet tal-Qrati , li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament."*

F'dan il-kaz dan il-ghan issa intlahaq bil-hlas li sar fil-mori tal-appell. Konsidrata ukoll il-fedina penali netta tal-appellant w t-talba tal-istess martu biex ma jintbaghatax il-habs , din il-Qorti thoss li, in vista ta' dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell , hemm lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif ser jintqal u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-gimghatejn detenzjoni u, minnflok, tikkundannah ghall-hlas ta' ghaxar liri Maltin (LM10) ammenda, li jridu jithallsu llum stess u fin-nuqqas jigu minnufieh konvertiti f' jumejn detenzjoni skond l-artikoli 13 u 14 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------